MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 884/2009

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Pulis Martin**
**ID-155054M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Awtorita' attrici ddikjarat illi fl-20 ta' April, 1999, l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gia Awtorita' ta' l-Ippjanar, harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq numru ECF/344/99, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. LA1, f'isem il-konvenut.

Peress illi l-istess Awtorita' attrici, in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta' l-Att numru I ta' l-1992, kif sussegwentwement emendat permezz ta' l-Att numru XXI ta' l-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-xoghlijiet indikati

fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq, jitwettqu, stante li l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhu ma’ dak li ntalab minnu fl-istess Avviz.

Peress illi biex taghmel dan, l-istess Awtorita’ attrici dahlet fi spejjez li jammontaw ghal elfejn, tliet mija hamsa u disghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€2,395.67c), u dan kif jidher mill-annessa Invoice No.5624 datata 18 ta’ Novembru, 2008 markata bhala Dok.‘LA2’.

U billi l-istess konvenut gie nterpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa’ inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m’ghandux:

Jikkundannah ihallas lill-Awtorita’ attrici s-somma ta’ elfejn, tliet mija, hamsa u disghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€ 2,395.67c) dovuti kif fuq spjegat, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali tat-28 ta’ Marzu, 2009.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi fl-ewwel lok, it-talba attrici hija preskritta, u dan peress illi t-talba taghhom tirrisali ghal aktar minn sentejn ilu.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-gudizzju mhux integru u dan peress illi l-proprjeta’ fejn sar l-Ordni tat-Twettieq hija proprjeta’ tal-konjugi Martin u Marika Pulis.

Illi Martin Pulis l-intimat mhux il-legittimu kontradittur, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' attrici.

Ra s-sentenza li nghatat minn dan it-Tribunal fit-30 ta' Marzu, 2012 dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tal-Awtorita' attrici ddikjara illi hu gie nkarigat mis-superjur tieghu sabiex ihejji rapport dwar il-fatti saljenti li wasslu ghal dan il-kaz, liema rapport gie pprezentat, u jinsab esebit a fol.15 tal-atti. Illi dan ir-rapport jittratta dwar *direct action* imwettaq mill-Awtorita' attrici fis-7 ta' Novembru, 2007, konsistenti f' *opening and leveling of road*, u dan billi gie mhammel il-hamrija, gebel u materjal li kien hemm fuq il-post, b'tali mod illi setghet tinfetah u tigi moghdija t-triq imsemmija. Illi ghalkemm l-ordni ta' *direct action*

inghatat fil-15 ta' Lulju, 1999, din giet imwettqa fis-7 ta' Novembru, 2007, u dan billi marru fuq il-post persuni mid-*Direct Action Team*, il-kuntrattur minn *Central Asphalt Limited*, li kienu akkumpanjati minn Ufficjali tal-Pulizija taht id-direzzjoni tal-Ispettur Miruzzi.

Illi mart il-konvenut, Marica Pulis, iddikjarat illi lura fl-1999 huma rcivew avviz minghand l-Awtorita' attrici, li kopja tieghu tinsab a fol.2 tal-atti, li permezz tieghu gew ordnati sabiex inehhu hajt antik li kien biswit il-proprjeta' taghhom sabiex tkun tista' tinfetah u tinghadda triq minn fuq din il-porzjon art. Illi dan il-hajt kellhom xi kwistjonijiet dwaru mal-girien, u cioe' ma' certu Carmelo Baldacchino, in kwantu dan tal-ahhar kien qed isostni li hu kien il-proprjetarju ta' dan il-hajt, u li ghalhekk ma setghux imissuh. Illi l-istess Marica Pulis gharrfet lill-Ufficjal li mar ghandha bl-avviz dwar din il-problema, u ssuggeriet illi javvicina hu lil Baldacchino, sabiex jgharrfu illi kien mehtieg illi jitnehha l-imsemmi hajt. Illi fil-fatt marru flimkien ghand Baldacchino, izda nqala' xi tilwim bejn il-partijiet, u ghalhekk l-ufficjal mill-MEPA telaq. Illi minkejja f'din id-diffikolta', u ghaliex il-konvenut ried li jottempera ruhu mal-ordni mahruga mill-Awtorita' attrici, hu nkariga s-servizzi ta' persuna li topera gaffa, sabiex imur fuq il-post u jnehhi l-hajt in kwistjoni u jhammel l-art. Illi effettivament dan il-kuntrattur gie, izda hekk kif beda x-xoghol, regghu tfaccaw membri tal-familja Baldacchino, u waqqfu lill-kuntrattur milli jkompli bix-xoghol li kien qed jaghmel. Illi dik il-parti tal-hajt li kienet giet imnehhija, Baldacchino rega' ghalaqha b'xi tankijiet u materjal iehor. Illi in segwitu ghal dan l-episodju, ma saru ebda tentattivi ohra sabiex jitnehha dan il-hajt. Illi skont din l-istess xhud, hi u zewgha kienu qed jaqblu illi dan il-hajt ghandu jitnehha, ghaliex huma riedu illi tigi mghoddija t-triq li kienet progettata. Illi eventwalment din it-triq

infethet, madanakollu ma gietx kompletata ghaliex Baldacchino kienu komplew jimpedixxu lill-persuni li jigu fuq il-post milli jwettqu xogholhom. Iddikjarat ukoll illi hi u zewgha rcivew ittri legali ghan-nom tal-girien Baldacchino dwar it-titolu ta’ proprjeta’ fuq il-hajt, u gew mwissija sabiex ma jghaddux minn din it-triq. Illi l-istess xhud iddikjarat illi qatt ma ressqet ebda kontestazzjoni mal-Awtorita’ attrici dwar it-titolu ta’ proprjeta’ taghhom fuq il-hajt in kwistjoni, u hi u zewgha, il-konvenut, kienu intenzjonati li jottemperaw ruhhom mal-ordni mahruga mill-Awtorita’ dwar it-tnehhija ta’ dan il-hajt, izda ma setghux iwettqu dan ix-xoghol minhabba li gew imwaqqfa milli jaghmlu din mill-girien, li kienu qed isostnu li kienu huma l-proprjetarji ta’ dan il-hajt. Illi mistoqsija tafx minn min inbena dan il-hajt, iddikjarat li ma tafx, u qalet li kien hajt antik u kien ilu hemm minn ferm qabel ma hi u zewgha bdew jghixu fid-dar taghhom aktar minn ghoxrin sena ilu.

Illi l-konvenut iddikjara illi kienu rrizultaw xi differenzi mal-girien, aktar specifikament ma’ certu Carmelo Baldacchino, dwar min kien il-proprjetarju ta’ dan il-hajt li kien jigi bejn il-proprjeta’ tal-konvenut u dik ta’ Baldacchino. Iddikjara illi meta hu u martu rcivew l-avviz minghand l-Awtorita’ attrici, huma nkarigaw persuna li jopera gaffa, certu Ganni Abdilla, sabiex dan jmur fuq il-post bl-ingenji tieghu u jnehhi dan il-hajt. Fuq struzzjonijiet li rcivew minghand Abdilla, il-konvenut beda jhott il-hajt sabiex jiffacilita ix-xoghol meta jkun ser isir bil-gaffa, izda waqt li kien qed ihott il-hajt, il-konvenut gie mwaqqaf minn Baldacchino milli jkompli bix-xoghol. Illi ghalkemm l-ghada mar tal-gaffa fuq il-post sabiex ikompli jhott dan il-hajt, il-konvenut gie nformat minn martu illi tal-gaffa ma setax jaghmel xogholu ghaliex Baldacchino waqqaf lilu wkoll. Illi dik

il-parti tal-hajt li kienet tnehhiet, Baldacchino rega’ ghalaqha b’*pellets* u tankijiet.

Illi Ganni Abdilla ddikjara li hu kien jaghmel xoghol bil-gaffa, izda llum il-gurnata huwa pensjonant. Iddikjara illi hu kien gie avvicinat mill-konvenut sabiex imur ihammel *plot* gewwa Marsaxlokk, u fil-fatt kien mar inehhi l-hamrija minn din il-*plot*, kif ukoll hajt antik sabiex ikunu jistghu jghaddu. Illi ddikjara li kien ghadda hafna zmien minn meta gie nkarigat sabiex jaghmel din il-bicca xoghol, izda ma jiftakarax illi kien gie mwaqqaf milli jaghmel xogholu, u li sa fejn jiftakar hu, x-xoghol kien gie kompletat minnu.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta’ din l-azzjoni l-Awtorita’ attrici qed titlob hlas tas-somma ta’ elfejn, tliet mija, hamsa u disghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€2,395.67c), liema ammont jirrizulta minn fattura datata 18 ta’ Novembru, 2008, rilaxxjata mill-istess Awtorita’, u liema ammont jirraprezenta spejjez amministrattivi u hlas imwettaq lill-kunrattur u lill-korp tal-Pulizija sabiex sar ix-xoghol ta’ thammil fil-plot li tigi biswit ir-residenza tal-konvenut, u dan in segwitu ta’ *enforcement order number* 344/99, u liema xoghol gie mwettaq fuq inkarigu tal-Awtorita’ attrici fis-7 ta’ Novembru, 2007 permezz ta’ *direct order*. Illi l-hlas ta’ dan l-ammont qed jintalab minghand il-konvenut ghaliex hu naqas milli jottempera ruhu ma’ kundizzjoni numru 18 tal-permess ta’ zvilupp rilaxxjat mill-Awtorita’ attrici bin-numru ta’ referenza PB3095/87/48/86, in kwantu naqas milli jifforma t-triq biswit il-proprjeta’ tieghu.

Illi l-konvenut jikkontendi illi l-gudizzju mhux integru, ghaliex kellha tigi nkluza wkoll martu f'dawn il-proceduri, stante li hu mizzewweg u l-izvilupp sar minnhom it-tnejn, u li fi kwalunkwe kaz, hu mhux il-legittimu kontradittur. Illi fir-rigward tal-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju, ebda wiehed mill-partijiet kontendenti ma rregola ruhu in rigward, u ghalhekk la parti u lanqas ohra ma jidher illi kellha interess illi titlob li tigi kjamata in kawza mart il-konvenut, Marica Pulis. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi tali nuqqas, jekk wiehed jista' jsejjahlu bhala tali, ma hux ta' detriment ghall-integrita' tal-azzjoni mressqa mill-Awtorita' attrici, ghaliex *ai fine dei conti* huwa evidenti mid-dokumenti li gew ipprezentati mill-istess Awtorita', illi din l-azzjoni giet ipprezentata u rivolta fil-konfront tal-persuna f'isem min kien inhareg il-permess ta' zvilupp originali, li f'dan il-kaz kien il-konvenut. Illi ghalhekk ma kien hemm ebda nuqqas da parti tal-Awtorita', li tista twassal ghan-nullita' tat-talba, meta ntavolat l-azzjoni unikament fil-konfront tal-konvenut, u *se mai* d-diffikulta' li tista' tirriskontra se tkun f'dak li jirrigwarda l-ezekuzzjoni tas-sentenza – kemm-il darba tigi akkolta t-talba tal-istess Awtorita' ghall-hlas tas-somma msemmija – in kwantu tali ezekuzzjoni tkun tista' tigi rivolta biss fil-konfront tal-konvenut.

Illi f'dak li jirrigwarda l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenut, u cioe' illi mhux il-legittimu kontradittur, jidher illi tali eccezjoni hija bbazata fuq it-tezi mressqa mill-konvenut illi hu kien dispost li jottempera ruhu mal-ordni tal-Awtorita' attrici, izda naqas milli jaghmel dan ghaliex gie mpediet minn Carmelo Baldacchino milli jwettaq tali xogholijiet. Illi anke in rigward din l-eccezzjoni, ghalkemm il-konvenut iddikjara li hu mhux il-legittimu kontradittur, naqas milli

jindika allura l-persuna fil-konfront ta' min kellha tigi rivolta din l-azzjoni, u lanqas ma talab illi jigi kjamat in kawza ebda persuna ohra.

Illi l-konvenut jikkontendi illi gialadarba nkariga persuna sabiex iwettaq ix-xoghol ordnat, u cioe' lil Ganni Abdilla, izda x-xogholijiet ma gewx imwettqa ghaliex gie mwaqqaf mill-gar tieghu, Baldacchino, milli jikkompletahom, allura m'ghandux jigi kkundannat ihallas ghall-ispejjez li gew inkorsi mill-Awtorita' sabiex eventwalment tnehha dan il-hajt mill-Awtorita' attrici fl-2007. Illi l-konvenut, u anke martu, jiddikjaraw illi dan il-gar Baldacchino kien jikkontendi illi l-hajt in kwistjoni kien proprjeta' tieghu, u li ghalhekk il-konvenut ma kellux dritt inehhih. Madanakollu, mistoqsi jekk din l-allegazzjoni - dwar in-nuqqas ta' titolu ta' proprjeta'fuq il-hajt in kwistjoni - ingibitx a konjizzjoni tal-Awtorita' attrici, l-istess konvenut iddikjara li le. Illi t-Tribunal iqis bhala ferm pertinenti l-fatt illi minkejja l-allegazzjonijiet li tressqu mill-konvenut dwar l-involviment ta' Baldacchino fl-ostakolar tax-xoghol li l-konvenut kien intenzjonat li jaghmel, u li eventwalment wassal sabiex sar ix-xoghol mill-Awtorita' attrici permezz ta' *direct action* u li wassal ukoll ghal din l-azzjoni li permezz taghha l-Awtorita' attrici qed titlob hlas tal-ispejjez inkorsi minnha sabiex gew imwettqa dawn ix-xogholijiet, l-istess konvenut naqas milli jitlob illi jigi kjamat in kawza l-imsemmi Carmelo Baldacchino.

Illi filwaqt illi t-Tribunal ma jeskludix illi effettivament il-konvenut inkariga lil Ganni Abdilla sabiex jaghmel ix-xoghol ta' twaqqigh u thammil ta' dan il-hajt, madanakollu, ma jidhirlux illi l-fatti kif gew spjegati mill-konvenut u x-xhieda mressqa minnu kien ghal kollox kredibbli u attendibbli, ghaliex skond il-

kuntrattur Ganni Abdilla, fl-ebda waqt ma gie ostakolat minn terzi fit-twettiq tax-xoghol tieghu, u li fil-fatt hu kkompleta x-xoghol li kien rikjest li jaghmel. Illi lanqas ma giet ipprezentata ebda ricevuta sabiex jigi sostanzjat dak li allega l-konvenut, u cioe’ illi hu hallas lil Ganni Abdilla sabiex jaghmel xoghol ta’ twaqqigh u thammil ta’ dan il-hajt.

Illi ghalhekk, u ladarba jidher illi skont il-permess ta’ zvilupp mahrug mill-Awtorita’ attrici kien jispetta lill-konvenut sabiex ihott u jhammel din il-plot – liema allegazzjoni ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-konvenut – sabiex tkun tista’ tigi fformata triq biswit il-proprjeta’ tal-istess konvenut, allura kien jispetta lilu li jwettaq dan ix-xoghol; illi ladarba huwa naqas milli jwettaq dan ix-xoghol, allura necessarjament kien jehtieg illi dan isir mill-Awtorita’ attrici, a spejjez tal-konvenut. Illi jsegwi ghalhekk illi t-talba tal-Awtorita’ attrici hija gustifikata, u timmerita illi tigi akkolta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa’ t-talba tal-Awtorita’ attrici, u jordna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita’ attrici s-somma ta’ elfejn, tlett mija, hamsa u disghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€2,395.67c) bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez, inkluz tas-sentenza preliminari, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------